**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 154 tal-11 ta' Ottubru 2023 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-ilment imqajjem mill-Onor. Darren Carabott u mill-Onor. Ian Vassallo fis-Seduta 151 tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari li ngħataw mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa rispettivament, u nikkwota:

> "**ONOR. DARREN CARABOTT:** Sur President, nagħmel referenza għar-ruling li s-Sedja tat fis-26 ta' Ġunju 2023, fis-seduta 138, fejn l-Onor. Ian Vassallo Hagi u jien għamilna referenza fir-rigward ta' mistoqsijiet parlamentari li ma ngħatajniex ir-risposta ghalihom. Ninforrna lis-Sedja li sal-lum, għalkemm erġajna ssottomettejna dawk l-istess domandi, għadna ma rċevejniex ir-risposta għalihom. Għaldaqstant, u anke biex nagħmel referenza għal liema mistoqsija parlamentari li jien kont għamilt, kienet fir-rigward ta' informazzjoni dwar tablets li qed jintużaw f'l-iskejjel tagħna u x' qed isir minnhom wara. Id-domanda kienet f'dan ir-rigward. L-informazzjoni sal-lum għadha ma waslitx. Għaldaqstant qed nerġa' nitlob lis-Sedja sabiex tiggwida f'dan il-każ. Naf ukoll l-Onor. Ian Vassallo se jagħmel ir-rimarka tiegħu dwar id-domandi tiegħu wkoll. Nirringrazzjak.
>
> **L-ISPEAKER:** L-Onor. lan Vassallo, fuq l-istess suġġett?
>
> **ONOR. IAN VASSALLO:** Sur President, nirreferi għall-istess ġurnata, is-26 ta' Ġunju 2023, fejn fir-ruling tas-seduta 138 jien ukoll kont għamilt mistoqsijiet parlamentari numru 5283, 6261, 8817 lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa rigward ir-riżenji tal-infermiera u allied health professionals mix-xogħol pubbliku. Dawn baqgħu ma tweġbux. Erġajna għamilniehom u reġgħu ma tweġbux."

Is-Sedja tinnota illi għamlu sew iż-żewġ Membri illi rreferew għar-ruling tieghi tas-26 ta' Ġunju 2023. F'dak ir-ruling il-pożizzjoni u l-poteri tas-Sedja f'dak li ghandu x'jaqsam ma' tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari hija ċara: "...hija ma għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom." Dan il-punt huwa spjegat ċar f'diversi rulings, anke ta' Speakers preċedenti, li s-Sedja rreferiet diversi drabi għalihom.

Is-Sedja, iżda, tibqa' tifhem l-importanza tar-rwol tal-mistoqsijiet parlamentari, u allura tifhem ukoll il-frustrazzjoni li jħossu Membri meta jkunu tal-opinjoni li t-tweġibiet li jingħataw mill-Ministri ma jkunx jirrifletti dak mitluba minnhom. F'dan ir-rigward is-Sedja ttenni l-appell li għamlet diversi drabi, inkluż fir-ruling ċitat aktar kmieni, u ċjoè li "tfakkar lill-Ministri dwar l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġjonevoli."

Is-Sedja tinnota illi wara r-ruling tas-26 ta' Gunju 2023, l-Onor. Carabott u l-Onor. Vassallo ma reġgħux issottomettew il-mistoqsijiet inkwistjoni, u ghalhekk tistieden lill-Onor. Membri biex jerġgħu jaghmlu l-mistoqsijiet dwar dik il-parti tal-interpellanza li huma jħossu li ma ġietx imwieġba.

Is-Sedja tinnota wkoll li teżisti proċedura parlamentari li tintuża fil-każ ta' tweġibiet interim fejn il-Ministru jista' jagħti tweġiba parzjali, bil-kumplament tal-informazzjoni tingħata f'seduta sussegwenti meta tinġabar.